# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru 3**

**Rikors numru 11/14 SM**

**John Formosa, Doris Grima, Alfred Formosa, Nazzareno Formosa, Joseph Formosa, Carmelo Formosa, Catherine Callus**

**v.**

**Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

## Preliminari

**1.** Dawn huma tliet appelli, wiehed intavolat mill-atturi, l-iehor intavolat mit-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali u t-tielet huwa appell incidentali mill-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, mis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-19 ta' Novembru 2014, li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet il-

kawza billi cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar il-*locus standi* tal-atturi, cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar l-ezawriment o meno tar-rimedju ordinarju da parti tal-istess atturi u laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar il-fatt li l-ilment jirreferi ghall-perjodu ta' qabel it-30 ta' April 1987 u iddikjarat li ma ghandhiex gurisdizzjoni tisma' l-kaz, bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Ir-rikors promotorju**

**2.** L-atturi fethu dawn il-proceduri sabiex jitolbu kumpens ghal dak li huma jqisu bhala ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom mharsa bl-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan ghamluh wara li missierhom – Salvatore Formosa – miet fit-23 ta' Ottubru 1978 ta' 62 sena kawza ta' kancer maghruf bhala *malignant mesothelioma* allegatament ikkagunat esklussivament mill-espozizzjoni ghall-asbestos fuq il-post tax-xoghol fit-Tarzna ta' Malta.

**3.** L-atturi principalment argumentaw illi minkejja li ilu maghruf ghal ghexieren ta' snin illi l-espozizzjoni ghall-*asbestos* hu ta' dannu serju ghal sahhet il-bniedem, tant illi tali espozizzjoni twassal ghal mard serju divers u tista' tikkaguna l-mewt, l-awtoritajiet tas-sahha, il-Ministeru li tahtu kienet taqa' d-direzzjoni u l-kontroll tat-tarznari, id-Dipartiment tal-

Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali u l-Kummissarju tal-Pulizija naqsu li jipprovdu lil Salvatore Formosa b'mizuri ta' protezzjoni adegwati sabiex jilqghu ghall-hsara ikkagunata mill-*asbestos* u lanqas ma qatt infurmaw lil Salvatore Formosa dwar l-effetti nocivi rizultanti mill-esposizzjoni ghall-*asbestos*. Kawza ta' dan, il-kwalita` tal-hajja tal-atturi giet affettwata b'mod negattiv ferm u dan ghaliex gew imcahhdin prematurament mill-prezenza ta' persuna sinifikanti hafna fil-hajja taghhom.

**4.** Il-fatti migjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmentaw l-atturi huma kif gejjin:

> "1. Illi dan ir-rikors qed isir ukoll ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09 ghaliex dan hu rikors principalment ta' natura tad-dritt fundamentali;
>
> "2. Illi r-rikorrenti huma l-ulied kollha kif ukoll l-eredi ta' Salvatore Formosa li miet fit-23 ta' Ottubru 1978 ta' 62 sena (vide certifikat tal-mewt ta' Salvatore Formosa anness u mmarkat Dok CMSF, Certifikat tat-twelid ta' l-istess Salvatore Formosa u ricerki testamentarji u testament relattiv CMSF2 sa 5 rispettivament u certifikati tat-twelid ta' l-esponenti Dok. CM1-CM7);
>
> "3. Illi l-imsemmi Salvatore Formosa miet kawza ta' kancer malinju kkagunat esklussivament mill-espozizzjoni ghall-asbestos, liema kancer hu maghruf bhala Malignant Mesothelioma (vide kawza tal-mewt f'dok. CMSF);
>
> "4. Illi l-imsemmi Salvatore Formosa kien impjegat bhala fitter mal-Malta Drydocks Corporation u dan kien l-uniku impieg tieghu;
>
> "5. Illi l-asbestos kien, matul il-perjodu tal-impjieg ta' l-imsemmi Salvatore Formosa fil-Malta DrydocksCorporation, 'staple material' prezenti f'ammonti kopjuzi u intuza minghajr ebda kontroll effettiv u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza permezz tal-gurisprudenza u x-xhieda ta' dawk li kienu jahdmu fl-istess zmien li kien jahdem l-imsemmi Salvatore Formosa;

“6. Illi ilu maghruf ghal ghexieren ta’ snin illi l-esposizzjoni ghall-asbestos hu ta’ dannu serju ghal sahhet il-bniedem, tant illi tali esposizzjoni twassal ghal mard serju divers u tista’ tikkaguna l-mewt u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

“7. Illi minkejja tali gharfien, l-awtoritajiet tas-sahha, il-Ministeru li tahtu kienet taqa’ d-direzzjoni u l-kontroll tat-tarznari, id-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, u l-Kummissarju tal-Pulizija naqsu li jipprovdu lil Salvatore Formosa b’mizuri ta’ protezzjoni adegwati sabiex jilqghu ghall-hsara kkagunata mill-asbestos;

“8. Illi Salvatore Formosa ma giex infurmat, la mill-awtoritajiet tas-sahha, la mill-Ministeru li tahtu kienet taqa’ d-direzzjoni u l-kontroll tat-tarznari, u lanqas mid-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali dwar l-effetti nocivi rizultanti mill-esposizzjoni ghall-asbestos;

“9. Illi lanqas il-Kummissarju tal-Pulizija ma ha l-ebda pass, ta’ ebda natura, meta sar konxju li l-esposizzjoni ghall-asbestos tista’ twassal ghall-mewt;

“10. Illi kien biss wara li Salvatore Formosa u uliedu rikorrenti bdew jisimghu bil-mard u mewt kkagunat mill-asbestos ta’ whud mill-kollegi tieghu li sar konxju tal-effetti nocivi ta’ l-esposizzjoni ghall-asbestos. Tali gharfien kien gradwali u bbazat fuq hearsay u kkompilat, accessat jew b’mod iehor maghruf minghajr l-intervent tal-entitajiet, korpi jew ministeri li kellhom l-obbligu li jissuplixxu tali informazzjoni;

“11. Illi l-esposizzjoni ghall-asbestos tal-mejjet Salvatore Formosa fuq il-post tax-xoghol affettwat b’mod negattiv ferm il-kwalita` ta’ hajja ta’ l-istess rikorrenti, li lkoll gew imcahhdin prematurament mill-prezenza ta’ persuna sinifikanti hafna fil-hajja taghhom. Ghaldaqstant ir-rikorrenti jissodisfaw il-kriterji sabiex ikollhom locus standi ta’ vittmi, u dan skond Artikolu tliet u erbghin (34) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-ligi nostrana tramite Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;

## Ir-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika); tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali

**5.** Permezz tar-risposta taghhom tas-17 ta’ Frar 2014, it-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali talbu lill-Qorti joghgobha tiddikjara li ma hemm ebda

ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u tichad konsegwentement l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha, bl-ispejjez kontra taghhom.

**6.** Fir-risposta taghhom huma ssollevaw is-segwenti eccezzjonijiet preliminari:

> "i. In-nomenklatura korretta tal-esponent Tabib Principali tal-Gvern hija "*Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika)*" u ghalhekk l-esponenti jitolbu korrezzjoni f'dan is-sens fl-okkju u kull fejn hemm referenza ghalih fl-atti tal-proceduri odjerni.
>
> "ii. Ebda wiehed mill-esponenti ma huwa l-legittimu kontradittur ghall-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti *stante* li hadd minnhom ma kellu xi rwol dirett jew indirett fl-allegata espozizzjoni tad-defunt Salvatore Formosa ghall-*asbestos* gewwa t-Tarzna ta' Malta u ghar-rigward tal-allegati konsegwenzi naxxenti minn tali espozizzjoni. Isegwi ghalhekk li huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> "iii. In kwantu permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrenti qeghdin sostanzjalment ifittxu kumpens pekunarju minhabba li allegatament, missierhom, fil-kors tal-impjieg tieghu fit-Tarzna, kien espost ghall-ammonti kbar ta' *asbestos* li halla effett negattiv fuq sahhtu u l-kwalita ta' hajja tieghu u tal-familja tieghu, ir-rikorrenti kellhom a dispozizzjoni taghhom mezzi ordinarji quddiem il-Qrati ordinarji konsistenti fi procedura civili ghar-rizarciment tad-danni kontra min kien ihaddem lil missierhom fuq il-bazi li ma giex provdut ambjent tax-xoghol san. Tali procedura kienet disponibbli, effikaci u effettiva u l-fatt li dan ma sarx ma jaghtix dritt issa lir-rikorrenti li jlibbsu lill-ilment taghhom il-kappa ta' indole kostituzzjonali biex dak li ma qajmux quddiem il-Qrati ordinarji jipprovaw jakkwistah mill-Qorti Kostituzzjonali.
>
> "Isegwi ghalhekk li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha a tenur tal-Artikolu 4(2) ta' l-Att XIV tal-1987 u a tenur tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, liema pozizzjoni diga' ttiehdet mill-Qrati Kostituzzjonali taghna fi proceduri ntavolati dwar mertu simili fl-ismijiet:
>
> - "***Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et;***

- "*Carmel Cachia et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et;*

- "*John Mary Abela et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et;*

- "*Joseph Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et;*

- "*Joseph Brincat et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et*

"iv. In kwantu l-ilment tar-rikorrenti skatta minn episodji li jmorru lura ghal perjodu ferm qabel l-adozzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-ligijiet nostrali fl-1987, l-ilmenti konvenzjonali tar-rikorrenti ghall-perjodu ta' qabel it-30 t'April 1987 ma jistghux jigu mistharrga minn din l-Onorabbli Qorti u dan a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

"v. Ir-rikorrenti jridu jgibu prova wkoll tal-*locus standi* taghhom bhala vittmi diretti u / jew indiretti fil-proceduri odjerni.

**7.** Fil-mertu l-intimati, wara li rrespingew l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tal-atturi bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, ghamlu s-segwenti riljevi:

"i. Ir-rikorrenti ghandhom igibu prova li missierhom kien jahdem mal-Malta Drydocks Corporation; li huwa kien tassew espost ghal *asbestos*; u wkoll li l-kancer malinju li nstab fuq Salvatore Formosa kien il-konsegwenza u l-kawza unika tal-fatt li l-imsemmi Formosa kien allegatament espost ghall-asbestos.

"ii. Illi inoltre hadd mill-esponenti ma qieghed hajjet ir-rikorrenti jew hajjet missierhom f'periklu jew b'xi mod cahhadhom mid-dritt ghall-hajjithom. Isegwi ghalhekk li ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

"iii. Illi wkoll l-esponenti qatt u ghal ebda raguni ma esponew jew assoggettaw lir-rikorrenti jew lil missierhom ghal xi trattament inuman jew degradanti. Ghalhekk ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

> "iv. Illi apparti dan il-fatt wahdu li wiehed mill-membri tal-familja sfortunatament marad b'marda terminali ma jistax jigi meqjus li dan ikkostitwixxa xi nterferenza mill-esponenti fil-hajja privata jew tal-familja tar-rikorrenti, liema hajja familjari u privata setghet tibqa' tigi ezercitata f'kull hin waqt li missierhom kien ghadu haj u anke wara l-mewt tieghu. Inoltre, ma jezisti ebda dritt fundamentali ta' nformazzjoni dwar perikli assocjati mal-asbestos jew kwalunkwe materjal iehor kif qed jippretendu r-rikorrenti. Ghalhekk ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."

**<u>Risposta tal-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol</u>**

**8.** Permezz tar-risposta taghha tat-18 ta' Frar 2014, l-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol talbet lill-ewwel Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti kollha u tiddikjara illi l-lanjanzi kostituzzjonali mqajjma mir-rikorrenti u illi dwarhom sar ir-rikors kostituzzjonali odjern huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta u tiddikjara wkoll illi t-tqanqil tal-kwistjonijiet kostituzzjonali min-naha tar-rikorrenti huma fiergha u vessatorji u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**9.** Fir-risposta taghha, l-Awtorita` in linea preliminari eccepiet is-segwenti:

> "1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari jigi eccepit illi l-Awtorita` esponenti m'hijiex legittima kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet:-
>
> "1.1 Illi l-mewt ta' Salvatore Formosa sehhet fit-23 ta' Ottubru 1978 u l-allegati lanjanzi necessarjament jirreferu ghall-perjodu li

jipprecedi l-imsemmija data. Illi l-Awtorita` esponenti giet kostitwita b'ligi fis-sena 2000 permezz ta' l-Att XXVII tal-2000, u cioe' **22 sena** wara li l-mewt ta' l-imsemmi Salvatore Formosa u b'hekk, il-perjodu ta' l-allegati l-lanjanzi, l-awtorita` esponenti definittivament ma kienitx tezisti;

"1.2 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-lanjanzi mressqa mir-rikorrenti bl-ebda mod ma jolqtu xi agir ta' l-Awtorita` esponenti li jista' b'xi mod jigi interpretat li jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u konsegwentement ma tista' qatt tirrispondi ghall-addebiti mressqa kontra taghha. Illi di fatti, imkien fir-rikors promotur ma tissemma' b'xi mod l-Awtorita` esponenti jew xi agir ta' l-istess Awtorita` u minn imkien ma tirrizulta xi allegazzjoni fil-konfront ta' l-istess. Di piu, ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-Awtorita` esponenti;

"2. Illi r-rikorrenti, jirrikorru ghall-procedura straordinarja odjerna meta huma kellhom a disposizzjoni taghhom rimedji ordinarji sabiex jivventaw it-talbiet taghhom, senjatament il-proceduri Civili ordinarji, liema proceduri ma gewx segwiti mir-rikorrenti.

"3. Illi ghar-raguni fuq imsemmija u konformament mad-dispozizzjonijiet tal-ligi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha fil-proceduri odjerni. Illi dan l-istess punt kien gie trattat *in profundis* minn dina l-Onorabbli Qorti, diversament ppresjeduta, fis-segwenti sentenzi fejn ic-cirkostanzi kienu identici ghal dawk odjerni:-

"a. **Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Shipyards** (Rik. Kost. Nru 31/2010/1) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2011;
"b. **Carmel Cachia et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et** (Rik. Kost. 28/2009/1) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2011.
"c. **John Mary Abela et vs. Policy Manager tal-Malta Shipyards et,** (Rik. Kost. 25/2009/1) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2011;
"d. **Joseph Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et,** (Rik. Kost. 26/2009/1) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2011;
"e. **Joseph Brincat et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et,** (Rik. Kost. 27/2009/1) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2011.

"Illi wkoll in linea preliminari, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti John Formosa (K.I. 862344M); Doris Grima (K.I. 125547M); Alfred Formosa (K.I. 150648M); Nazzareno Formosa (K.I. 780551M); Joseph Formosa (K.I. 780451M); Carmelo Formosa (K.I. 10354M) u Catherine Callus (K.I. 5500858M) m'ghandhom ebda *locus standi* fil-kawza odjerna ghal dak li

jirrigwarda t-talbiet taghhom taht il-Konvenzjoni Ewropeja. Illi l-imsemmija rikorrenti ma jikkwalifikawx bhala "vittma" ai termini ta' l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni stante li m'hemm l-ebda ness bejn l-allegat dannu ghas-sahha kkagunata lil Salvatore Formosa u xi ksur ta' dritt fundamentali tar-rikorrenti, aktar u aktar bit-trapass ta' 36 sena minn wara l-mewt ta' Salvatore Formosa.

"5. Illi in kwantu l-ilment tar-rikorrenti skatta minn episodji li jmorru lura ghal perjodu ferm qabel l-adozzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-ligijiet nostrali fl-1987, l-ilmenti konvenzjonali tar-rikorrenti ghall-perjodu ta' qabel it-30 t'April 1987 ma jistghux jigu mistharrga minn din l-Onorabbli Qorti u dan a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

**10.** Fil-mertu l-Awtorita` ghamlet ir-riljevi segwenti:

"6. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad illi r-rikorrenti ghandhom iressqu l-prova li l-allegata esposizzjoni ta' Salvatore Formosa hija l-konsegwenza u l-kawza unika ghall-mewt ta' l-istess, dan in partikolari minhabba li c-certifikat tal-mewt ta' l-istess jaghti tlett ragunijiet ghall-mewt ta' Salvatore Formosa, senjatament:- (1) Heart Pulmonary Failure; (2) Malignant Mesothelioma Pleurae u (3) Secondary Deposites Liver; Anemia.

"7. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-imsemmija Artikoli jistabilixxu l-principju illi hadd ma jista' jigi pprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief fl-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' Qorti dwar reat kriminali skond il-ligi ta' Malta li tieghu jkun gie misjub hati. Illi sabiex jissussisti ksur ta' dan l-Artikolu, huwa necessarju illi d-dritt tal-hajja jigi pprivat intenzjonalment. Fil-kaz in dizamina, bl-ebda sforz ta' l-immaginazzjoni u bl-ebda tigbid ta' l-interpretazzjoni tal-ligi ma jista' jinghad illi l-Awtorita` esponenti ghamlet xi haga deliberatament bil-hsieb li toqtol lir-rikorrenti u b'hekk din l-allegazzjoni hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u hija frivola u vessatorja u ghaldaqstant ghandha tigi michuda fl-intier taghha;

"8. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-imsemmija Artikoli jistabilixxu l-principju illi hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti. F'dan ir-rigward jinghad illi dak li jammonta ghal "trattament inuman u degradanti" gie ampjament elaborat mill-Qorti Ewropea fil-gurisprudenza taghha. Hawnhekk qeghda ssir referenza ghall-dak li gie deciz mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Ireland v. United Kingdom** (18/1/78), fejn inghad illi jkun hemm trattament inuman meta jkun hemm "*the infliction of intense physical or mental suffering*" filwaqt li trattament degradanti jinkludi "*treatment designed to arouse in*

*victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance*";

"9. Illi inoltre kif gie ritenut mill-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-**Greek Case** "*The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable … Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliated him before others or derives him to act against his will or conscience";*

"10. Illi mill-fatti kif esposti fir-rikors promotur minn imkien ma jirrizulta illi kien hemm xi mod ta' trattament inuman jew degradanti fil-konfront tar-rikorrenti li ghalih tirrispondi l-Awtorita` esponenti. Inoltre, imkien fir-rikors promotur ma jirrizulta illi r-rikorrenti, jew min minnhom, soffrew xi trattament inuman jew degradanti u b'hekk din l-allegazzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt u hija frivola u vessatorja u ghaldaqstant ghandha tigi michuda fl-intier taghha;

"11. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-imsemmi Artikolu jistabilixxi l-principju illi kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett ghall-hajja privata u familjari tieghu, id-dar tieghu u l-korrispondenza tieghu.

"12. Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qieghed jallegaw danni li soffrew minhabba allegata esposizzjoni ghall-asbestos. Illi l-agir lamentat mir-rikorrenti bl-ebda mod ma ghandu x'jaqsam mal-hajja privata tar-rikorrenti jew tal-familja taghhom jew mad-dar jew korrispondenza taghhom. Illi di piu, l-Awtorita` esponenti m'ghandha l-ebda forma ta' relazzjoni mar-rikorrenti u bl-ebda mod ma wiehed jista' jimmagina kif xi agir ta' l-Awtorita esponenti seta jimpingi fuq dan id-dritt allegatament miksur u b'hekk din l-allegazzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt u hija frivola u vessatorja u ghaldaqstant ghandha tigi michuda fl-intier taghha;

"13. Salv eccezzjonijiet ohra."

## Is-sentenza appellata

**11.** Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), ghas-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2014 kienu s-segwenti:

"Ikkunsidrat:

"12.0. Illi din is-sentenza qed tindirizza r-risposti ta' natura preliminari sollevati mill-intimati, senjatament:

"12.1 Il-*locus standi* tar-rikorrenti fil-procedura odjerna;

"12.2 L-ezawriment *o meno* tar-rimedju ordinarju da parti tar-rikorrenti;

"12.3 Ilment li jirreferi ghal perjodu qabel it-30 t'April, 1987;

"Ikkunsidrat:

"13.0. Illi preliminarjament, il-fatti essenzjali kif jirrizultaw mill-atti li jistghu jghidu li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

"13.1. Illi Salvatore Formosa, missier ir-rikorrenti, kien hjahdem bhala *fitter* it-Tarzna, (ara foll 2), u kien hemm impjegat *full time*;

"13.2. Illi skont ic-certifikat tal-mewt tal-istess Salvatore Formosa jirrizulta li miet ta' tnejn u sittin (62) sena, (ara foll 5);

"13.3. Illi l-kawza tal-mewt tieghu tirrizulta li kienet multipla, (ara paragrafu numru hamsa punt disgha punt tnejn, (5.9.2.), aktar qabel, u foll 5);

"13.4. Illi matul il-perjodu tal-impjieg ta' Salvatore Formosa mat-Tarzna, l-*asbestos* kien ta' uzu komuni fl-istess impriza u l-impjegati ma kienux jigu protetti kontra l-perikli ghas-sahha li kienu jkunu hekk esposti ghalihom;

"13.5. Illi l-imsemmi Salvatore Formosa dam hekk espost ghal ghexieren ta' snin, u dan, anke nonostante li l-Awtoritajiet koncernati kienu jafu bil-konsegwenzi li tali esposizzjoni kellha fuq min ikun involut;

"Ikkunsidrat:

"14.0. Illi rigwardanti l-eccezzjoni preliminari li ssollevat il-kwistjoni jekk ir-rikorrenti ghandhomx *locus standi* jew le fl-azzjoni odjerna, jinghad sintetikament is-segwenti:

"14.1. Illi biex lanjant ikun jista' jadixxi l-qorti biex hemm jipprommovi l-lanjanza tieghu ghall-iskrutinju jrid ikun jezisti ness bejn l-allegata lanjanza u l-ksur tad-dritt fundamentali allegat;

> “14.2. Illi ovvjament hu pacifiku li l-prova tinkombi fuq il-persuna li qed tressaq l-allegazzjoni in dizamina;
>
> “14.3. Illi, **kif ritenut f’Ressegatti vs Switzerland, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**, rikors numru 17671/02, biex persuna tikkwalifika bhala vittma diretta ai termini tal-artiklu 34 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta irid ikun hemm effett dirett fuq l-istess persuna tal-ksur tad-dritt allegat;
>
> “14.4. Illi f’dan is-sens, ir-rikorrenti, bhala ulied id-*decuius* Salvatore Formosa qed ihossuhom li kienu vittmi innocenti ta’ haga ferm akbar minnhom u dan, rizultat tal-fatt li waqt li missierhom kien qieghed jaqla’ l-ghajxien tieghu bis-sahha tal-professjoni tieghu ta’ *fitter* fit-Tarzna, kien fl-istess hin qed jissubbixxi b’mod injar l-effettiv nocivi minnu assorbiti mill-*asbestos* li jirrizulta li kien uzat b’mod kopjuz fl-ambjent fejn l-istess Salvatore Formosa kien jahdem;
>
> “14.5. Illi ghalkemm ic-certifikat tal-mewt in atti jindika ragunijiet multipli ghad-decess tal-istess Salvatore Formosa, il-fatt li l-*malignant mesothelioma pleurae* giet indikata bhala wahda mill-fatturi li pprecipitat dan id-decess, allura l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hi legittima u timmerita li tkun ghalhekk sostenuta;
>
> “14.6. Illi tali decess ghalhekk jidher li gie precipitat bl-avvent tal-kawza indikata fil-paragrafu precedenti u fih innifshu dan ippriva lir-rikorrenti mill-affett ta’ missierhom u mill-izvolgiment normali tal-hajja ta’ kuljum li din il-kawza malinna qetghet hessrem;
>
> “14.7. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ukoll sfaw vittma tal-kawza li ffalcat lil missierhom Salvatore stante li ghandu jkun biss id-dekors naturali tal-hajja li jiddetermina l-ezistenza umana u xejn aktar;
>
> “14.8. Illi ghalhekk ir-rikorrenti huma wkoll vittmi injari tal-akkadut in dizamina, u konsegwentement filwaqt li tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni tal-intimati kollha, tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom *locus standi* biex jippromovu l-azzjoni odjerna;”

**12.** Hawnhekk l-ewwel Qorti ghaddiet sabiex tikkonsidra l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta’ ezawriment tar-rimedji ordinarji u wara li ghamlet riferenza ampja ghal dak deciz fis-sentenza tal-Qorti fi Strasburgu fl-ismijiet **Brincat and Others v. Malta** irrespingietha u ssoktat kif gej:

> “Ikkunsidrat:

"16.0. Illi rigwardanti l-eccezzjoni preliminari naxxenti mill-artiklu 7 tal-Kap 319 fuq gia riferita, jinghad sintetikament is-segwenti:

"16.1. Illi permezz tal-Kap 319 fuq riferit gie stabbilit li d-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali huma parti mill-Ligi ta' Malta u ghandhom ghalhekk ikunu ezegwibbli lokalment, (ara artiklu 3(1) tal-Kap 319);

"16.2. Illi pero' dak indikat fil-paragrafu precedenti hu limitat permezz ta' disposizzjoni transitorja specifika, (artiklu 7 tal-istess) li tobbliga lill-qrati lokali u li partijiet involuti bil-mod segwenti hemm espress u hawn riprodott:

"Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inkluzi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 t'April, 1987 jew tal-Artikoli 1 sa 4 (inkluzi) tar-Raba' Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew Artikoli 1 sa 5 (inkluzi) tas-Seba' Protokoll li jsir qabel l-1 t'April, 2002, ma ghandu lok ghal xi azzjoni taht l-Artiklu 4";

"16.3. Illi fir-rigward jirrizulta sintetikament is-segwenti:

"16.3.1. Illi d-*decuius* Salvatore Formosa miet fit-23 t'Ottubru, 1978, (ara foll 5);

"16.3.2. Illi l-Awtorita` intimata giet kostitwita permezz ta' strument legislattiv l-Att XXVII tal-2000;

"16.4. Illi d-dati riskontrati fil-paragrafu precedenti ghalhekk jirrendu pacifika l-konkluzjoni li azzjoni odjerna tilledi d-disposizzjoni transitorja fuq riferita, (ara paragrafu sittax punt tnejn, (16.2.), aktar qabel, u ghalhekk din il-qorti hi effettivament prekluza *ex lege* milli tiehu konjizzjoni tal-meritu in dizamina *stante* li l-perjodu termporali in dizamina jirrigwarda allegat ksur tad-drittijiet fundamentali hemm riferiti li sehh abbundantement qabel il-perjodu operattiv statutorjament impost tat-30 t'April, 1987;

"16.5. Illi ghalhekk fatti bhal dawk in dizamina antecedenti ghad-data imposta fil-Kap 319 fuq riferit ma jistghux jigu sindakati;

"16.6. Illi ghalhekk din il-qorti hi kostretta takkolji din l-eccezzjoni preliminari tal-intimati u in vista tal-istess, tiddikjara li m'ghandiex gurisdizzjoni tisma' il-kaz odjern;

"17. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti."

**Rikors ta' appell tal-atturi**

**13.** B'rikors tat-3 ta' Dicembru 2014, l-atturi appellaw mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tad-19 ta' Novembru, 2014 fl-ismijiet premessi u talbu li l-istess sentenza tigi revokata u mhassra u li din il-Qorti tordna il-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza, tilqa' t-talbiet kollha taghhom fir-rikors promutur, okkorrendo jekk hemm bzonn li taghti dawk l-ordnijiet pertinenti, komprizi l-fissazzjoni ta' kumpens u tal-kundanna relattiva dwaru, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

**14.** L-atturi appellanti sostanzjalment ressqu aggravju wiehed li permezz tieghu sostnew illi l-ewwel Qorti zbaljat meta cahdet it-talbiet taghhom ghaliex iddikjarat li m'ghandhiex gurisdizzjoni tisma' il-kaz odjern ghar-raguni li fatti bhal dawk in dezamina ancedenti d-data tat-30 ta' April, 1987 ma jistghux jigu sindikati mill-Qorti skont il-Kap. 319.

**L-Appell tat-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali**

**15.** B'rikors tad-9 ta' Dicembru 2014, it-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali wkoll

appellaw mis-sentenza msemmija tal-ewwel qorti u talbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tirrevokaha in kwantu cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-istess appellanti dwar l-ezawriment o meno tar-rimedju ordinarju da parte tar-rikorrenti minflok tipprovdi billi tilqa' dik l-eccezzjoni u tikkonferma s-sentenza appellata ghall-kumplament, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellati.

**Risposta tal-appell tat-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali**

**16.** Fir-risposta taghhom tat-12 ta' Dicembru 2014, it-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali ssottomettew li l-appell tal-atturi ghandu jigi michud u s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti u dan bla pregudizzju ghall-appell tal-istess intimati rispondenti.

**17.** Fil-qosor, l-intimati rispondenti issottomettew illi l-appell tal-atturi huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex kuntrarjament ghal dak li qed jghidu r-rikorrenti appellanti, l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni *ratione temporis* mressqa mill-intimati rigward l-ilment taht il-Konvenzjoni Ewoprea tad-Drittijiet tal-Bniedem hija gustifikata. L-intimati rispondenti, izda, jippuntwalizzaw li ma humiex joggezzjonaw li

l-kaz ikompli jinstema’ ghal dak li jolqot l-ilment tar-rikorrenti taht il-Kostituzzjoni ta’ Malta u dan peress illi l-Artikolu 7 tal-Kap. 319 japplika biss ghal dak li jolqot l-applikabilita` tal-Konvenzjoni Ewropea f’Malta u ma jolqotx l-applikabilita` tad-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Huma jsostnu wkoll li ma jaqblux mal-atturi li d-drittijiet fundamentali sanciti bil-Kostituzzjoni ta’ Malta m’ghandhom ebda sfond interpretattiv minghajr referenza ghall-Konvenzjoni Ewropea.

**<u>Risposta tal-Appell u Appell Incidentali tal-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol</u>**

**18.** Fir-risposta tal-appell u appell incidentali taghhom tat-23 ta’ Dicembru 2014, l-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol l-istess Awtorita` wiegbet ghall-appell tal-atturi u intavolat appell incidentali mis-sentenza appellata li bih talbet li din il Qorti previa c-cahda tal-appell principali tal-atturi u l-konferma tas-sentenza appellata fejn din laqghet it-tielet eccezzjoni tal-Awtorita` intimata abbazi tal-artiklu 7 tal-Kap. 319, tirriforma l-istess sentenza appellat f’dik il-parti fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni ta’ “*locus standi*” tar-rikorrenti, u fejn cahdet ukoll it-tieni eccezzjoni rigwardanti l-ezawrimenti tar-rimedji ordinarju u minflok tilqa’ l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet msemmija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

**19.** Fil-qosor, l-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol tissottometti s-segwenti:

- It-talbiet tar-rikorrenti msejsin fuq il-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta m'ghandhomx jigu milqugha u d-decizjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti rigward dan il-punt timmerita li tigi kkonfermata peress illi l-fatti tal-kaz odjern sehhew qabel id-data imposta fil-Kap. 319 u l-Konvenzjoni Ewropea kienet applikabbli direttament biss f'pajjizi li jhaddnu d-duttrina monistika tad-Dritt Internazzjonali;

- It-talbiet imsejsin fuq l-Artikolu 33, 32(c) u l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom.

**20.** Fl-appell incidentali taghha, l-Awtorita` intimata sostniet li l-ewwel Qorti ma kellhiex tichad l-eccezzjoni tal-*locus standi* tar-rikorrenti stante li r-rikorrenti ma jissodisfawx l-istatus ta' vittmi kif tirrikjedi l-ligi u l-ewwel Qorti ma kellhiex tichad l-eccezzjoni tal-ezawriment tar-rimedji ordinarji stante li r-rikorrenti kellhom mezzi u rimedji ohrajn ordinarji li ma utilizzawx.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*Preliminari*

**21.** Il-Qorti hi tal-fehma li logikament ghandha tindirizza l-appelli li jinsabu quddiemha fl-ordni segwenti. Fl-ewwel lok ser tindirizza l-appell

tat-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali flimkien ma' dik il-parti tal-appell incidentali tal-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol fejn appellat minn dik il-parti tas-sentenza appellata li cahdet l-eccezzjoni li l-Qorti kellha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha minhabba li r-rikorrenti naqsu milli jezawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom; dan peress li l-aggravji rispettivi jirrigwardaw l-istess eccezzjoni.

**22.** Wara ser tindirizza l-kumplament tal-appell incidentali tal-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol fejn jirrigwarda l-appell mis-sentenza appellata dwar l-eccezzjoni tal-*locus standi* tar-rikorrenti stante li r-rikorrenti ma jissodisfawx l-istatus ta' vittmi kif tirrikjedi l-ligi.

**23.** Finalment il-Qorti tindirizza fl-intier tieghu l-appell principali tar-rikorrenti mis-sentenza appellata.

> "*A. L-Appelli tat-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali u dak tal-appellanti incidentalment Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji.*"

**24.** Kemm it-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali kif ukoll l-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol appellaw minn dik il-parti tas-

sentenza appellata fejn cahdet l-eccezzoni tan-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u dan ghar-ragunijiet migjuba fl-appelli rispettivi taghhom.

**25.** Il-Qorti f'diversi sentenzi gia` kellha l-okkazzjoni tiddelinea l-principji applikabbli meta tigi biex tiddeciedi jekk parti ghandhiex jew kellhiex ghad-dispozizzjoni taghha rimedji ordinarji effettivi sabiex jigu indirizzat l-ilment taghha[1] u ghalhekk ma hux il-kaz li dawn jigu ripetuti.

**26.** Tiddeklinax jew le l-Qorti mill-ezercizzju tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha fejn tkun tal-fehma li l-individwu li jilmenta ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji hija materja fid-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti[2]. Tassew dan necessarjament jimplika li l-qorti tista' tinqeda bis-setghat taghha wkoll jekk issib illi l-attur ghandu jew kellu rimedji taht il-ligi ordinarja[3]. Gia` gie ritenut li din il-Qorti bhala principju ma tiddisturbax l-ezercizzju tad-diskrezzjoni msemmija tal-Qorti tal-ewwel grad hlief jekk jirrizultaw ragunijiet serji u gravi ta' illegalita` jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest li jiggustifikaw l-intervent ta' din il-Qorti[4]. Dan japplika b'akbar sahha fejn il-Qorti tal-ewwel grad tkun ezercitat id-diskrezzjoni msemmija billi tirrifjuta li tiddeklina mill-ezercizzju tal-

[1] Q. Kost. Mouwafak Toutoungi et v Kummissarju tal-Pulizija et, 25/11/2011, #14, u s-sentenzi li ghalihom hemm riferenza.
[2] Art 46(2) proviso tal-Kostituzzjoni
[3] Q. Kost. Tarciso Borg v Onor. Prim Ministru et, 12/1/2015, #22
[4] Q. Kost. Mouwafak Toutoungi et v Kummissarju tal-Pulizija et, op. cit. #19 u s-sentenzi li ghalihom hemm riferenza. Ara wkoll Q. Kost. Abdul Hakim Hassan Abdulle et v Ministru tal-Gustizzja u l-Intern et, 28/6/2013, # 28

gurisdizzjoni kostituzzjonali vestita fiha bil-Kostituzzjoni[5]. Din il-Qorti ma ssib ebda raguni serja u gravi ta' illegalita`, ta' gustizzja jew ta' zball manifest li jiggustifikaw lil din il-Qorti tiddisturba l-mod kif l-ewwel Qorti ezercitat dik id-diskrezzjoni.

**27.** L-appellanti Tabib Principali tal-Gvern, Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali kif ukoll l-appellanti incidentalment Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, jaghmlu riferenza ghal xi sentenzi ta' din il-Qorti f'materja simili, jekk mhux identika, fejn il-Qorti kienet iddeklinat mill-ezercizzju tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha. Dawn is-sentenzi ma biddlu xejn min-natura diskrezzjonali tas-setgha tal-Qorti li tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha. Inoltre, wara s-sentenzi citati kien hemm sentenzi ohra ta' din il-Qorti li waslu ghal konkluzjoni differenti u dan fuq l-iskorta tas-sentenza ricenti tal-Qorti Ewropea fi Strasburgu fl-ismijiet **Brincat and others v. Malta** li giet citata wkoll mill-ewwel Qorti[6]. Ghalkemm din il-Qorti esprimiet certi rizervi dwar dak li ikkonstat dik is-sentenza, din il-Qorti esprimiet il-fehma li fid-dawl ta' dik is-sentenza ma kienx aktar desiderabbli li l-qorti tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha f'kazijiet bhal dak ta' llum.

[5] Q. Kost. Abdul Hakim Hassan Abdulle et v Ministru tal-Gustizzja u l-Intern et, op. cit., # 28
[6] Q. Kost. George Spiteri v Policy Manager tal-Malta Shipyards et, 27/5/2015, # 11-12;
Q. Kost. Lawrence Grech et v Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika) et, 29/5/2015, #27-28

**28.** Ghalhekk, dan l-aggravju qieghed jigi respint u konsegwentement ser jigi michud l-appell tal-appellanti Tabib Principali tal-Gvern, Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali kif ukoll l-appell tal-appellant incidentalment Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol in kwantu bazat fuq dan l-aggravju.

> "*A. L-appell incidentali tal-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol dwar l-eccezzjoni fuq in-nuqqas ta' locus standi tar-rikorrenti.*"

**29.** Dan it-tip ta' aggravju wkoll gia` gie indirizzat minn din il-Qorti li irriteniet li peress li l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni ma hux parti mil-ligijiet ta' Malta, tenut kont tal-fatt li ma hux fost l-artikoli tal-ligi riprodotti fl-Ewwel Skeda mal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319, il-gurisprudenza dwaru tal-Qorti fi Strasburgu ma tistax, fir-rigward tal-kwistjoni jekk ir-rikorrenti ghandhomx *locus standi* f'azzjoni taht l-Att imsemmi, tillustra l-pozizzjoni legali f'pajjizna[7]. Konsegwentement din il-Qorti irriteniet li tali kwistjoni trid tigi indirizzata bhal ma tigi indirizzata l-istess kwistjoni f'azzjoni taht il-Kostituzzjoni, u cioe` mill-perspettiva tal-interess guridiku tal-parti li titlob rimedju[8].

**30.** U mill-perspettiva msemmija din il-Qorti, bhal fil-kaz analogu ta' **Lawrence Grech et v. Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika)**

---

[7] Q. Kost. Lawrece Grech et v Tabib Principaloi tal-Gvern (Sahha Pubblika) et, op. cit., # 14
[8] Ibid

**et**[9], hi sodisfatta li ghall-istess ragunijiet spjegati f'dik is-sentenza r-rikorrenti kollha ghandhom l-interess guridiku necessarju bil-kwalitajiet kollha li trid il-ligi sabiex jipproponu l-azzjoni ta' llum ghar-rigward tad-drittijiet sanciti bl-Artikoli 2, 3, u 8 tal-Konvenzjoni kif ukoll ghar-rigward tal-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni invokati mir-rikorrenti. Dan l-aggravju wkoll qieghed ghalhekk jigi respint u konsegwentement ser jigi michud l-appell incidentali intier tal-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol.

*A. L-appell tal-atturi*

**31.** L-aggravju uniku tal-atturi appellanti jikkonsisti filli jsostnu li l-ewwel Qorti zbjalat meta rriteniet li ma kellhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-kaz peress li l-fatti tal-kaz jirrisalu ghal data qabel it-30 ta' April 1987. In sostenn ta' dan l-aggravju l-atturi appellanti jgibu 'l quddiem l-argumenti segwenti:

(i) Ir-rikorrenti jinvokaw kemm l-artikoli 33 u 32(c) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikoli korrispondenti tal- Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk, tenut kont li l-Qorti ghandha gurisdizzjoni tisma' l-kaz skont l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni u d-drittijiet fundamentali fil-Kostituzzjoni m'ghandhom l-ebda sfond interpretattiv minghajr referenza ghall-Konvenzjoni l-Qorti ghandha tordna li l-proceduri ghandhom jissoktaw kemm taht il-Kostituzzjoni kif ukoll taht il-Konvenzjoni altrimenti jekk jigi muri li l-Qorti ta'

[9] Ibid # 15-17

Strasburgu ghandha gurisdizzjoni minn meta Malta rratifikat il-Konvenzjoni fl-1967 u jigi ritenut li l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tisma l-kaz taht l-istess Konvenzjoni dan ikun ifisser li "s-sistema nazzjonali ma toffrix rimedju domestiku taht il-Konvenzjoni";

(ii) Ir-rikorrenti ma jirrikonoxxux il-validita` legali tal-Artikolu 7 tal-Kap. 319 peress li dan jikser l-ittra espressa tal-Konvenzjoni li giet ratifikata fl-1967 u ghahekk enforzabbli f'Malta mill-istess data kif ritenut mill-Qorti fi Strasburgu u kif jemergi mill-Artikoli 1 u 13 tal-Konvenzjoni li jipprovdu li l-Partijiet ghandhom jassikuraw lil kulhadd fil-gurisdizzjoni taghhom id-drittijiet u libertajiet mharsa mill-Konvenzjoni u li dawn ikollhom rimedju effetiv quddiem awtorita` nazzjonali. Bhala konsegwenza tal-artikoli msemmija u r-ratifika tal-Konvenzjoni Malta espressament irrinunzjat ghad-duttirna duwalistika u addottat id-duttrina monistika li inforza taghha d-dispozizzjonijiet ta' trattat internazzjonali jsiru parti mil-ligi domestika u jigu applikat mill-qrati domestici mar-ratifika minghajr htiega ta' atti legislattivi jew amministrattivi ulterjuri.

(iii) Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-fatti tal-kaz jirizultaw fi vjolazzjoni kontinwa ("continuous violation") ghaliex il-familjari ta' Salvatore Formosa ghadhom sa llum minghajr rimedju ghal-lanjanzi taghhom waqt li parti mill-espozizzjoni ghall-asbestos sehhet qabel it-23 ta' Jannar 1967, meta Malta rratifikat il-Konvenzjoni, u kompliet sa ftit qabel ma miet l-istess Savatore Formosa fil-1978, bhalma kien il-kaz tal-kazijiet tal-asbestos li gew decizi mill-Qorti ta' Strasbugu f'Lulju 2014.

- L-atturi ghamlu referenza ghal kazistika tal-organi fi Strasburgu fis-sens li applikazzjonijiet dwar vjolazzjonijiet li

sehhew qabel ir-ratifika tal-Konvenzjoni imma li l-effetti taghhom ikomplu wara dik id-data huma ammissibbli. Inoltre, safejn din il-Qorti setghet tifhem dak sottomess f'dan ir-rigward f'argument piuttost konvolut, ir-rikorrenti appellanti jidhru li jsostnu li dak deciz mill-qrati taghna dwar vjolazzjonijiet kontinwi ("continuous violations") hu aktar marbut mad-data tar-ratifika tal-Konvenzjoni milli ma kif ir-ratifika tal-Konvenzjoni affetwat is-sistema domestika, ghalkemm ma hux bizzejjed car id-distinzjoni ji jidher li jridu jaghmlu r-rikorrenti iz-zewg hwejjeg.

- Finalment, ir-rikorrenti jikkonkludu li "… … … il-Gvern Malti hu obbligat li jsegwi d-decizjonijiet ta' Strasburgu u fl-ispirtu taghhom ma jaccettax id-difiza ta-Gvern kif rapprezentat mill-intimati billi jiddikjara inammissibbli l-eccezzjoni temporis tal-art. 7 ta' Kap 319 fl-istess linja li addottat il-Qorti ta' Strasbourg". Jidher li f'din il-konkluzjoni saret xi ftit tal-konfuzjoni bejn l-Istat ta' Malta, il-Gvern Malti, u l-Qrati (li ma jissemmew xejn) u ghalhekk ma hu car xejn x'riedu jfissru ezattament b'din il-konkluzjoni r-rikorrenti.

**32.** Il-Qorti tibda billi taghmilha cara mill-bidunett li l-fatt li l-appellanti ma jirrikonoxxux il-validita` legali tal-Artikolu 7 tal-Kap. 319 ma jnaqqas xejn mill-validita` legali tieghu darba li l-appellanti ma ghamlu ebda talba fir-rikors promotorju sabiex jimpunjaw il-validita` tal-istess artikolu, ma ghamlu ebda sottomissjoni fir-rigward, la bil-miktub u anqas jirrizulta li ghamlu hekk oralment, u anqas intentaw xi azzjoni separata sabiex jimpunjaw l-istess artikolu tal-ligi fuq xi mottiv iehor apparti ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax hlief

tqis l-artikolu msemmi pjenament validu legalment, hi x'inhi l-fehma tal-appellanti dwaru f'dan l-istadju tal-proceduri.

**33.** Il-Qorti ma tarax kif, jekk ikun il-kaz, il-konkluzjoni li din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza dwar ilmenti taht il-Konvenzjoni li jirrigwardaw fatti li graw qabel l-1987 tkun tfisser li d-drittijiet fundamentali fil-Kostituzzjoni ma jkollhom ebda sfond interpretattiv minghajr referenza ghall-Konvenzjoni. Dan ma hu minnu xejn. Anqas l-istess konkluzjoni ma tkun tfisser li qiegheda tigi proposta "segregazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-Kostituzzjoni minn ma' dawk tal-Konvenzjoni" jew li jkun qieghed jigi propost "zewg interpretazzjonijiet ta' dawn iz-zewg klassijiet ta' drittijiet fundamentali". Dawn ma huma xejn hlief sensiela ta' *non sequitur*. L-"isfond interpretattiv" li jista' ghandha l-Kostituzzjoni konsistenti fil-Konvenzjoni ma jigix nieqes u anqas issehh xi "segregazzjoni" li ma kienetx gia` tezisti qabel, bhal ma anqas ikun qieghed jigi propost xi "zewg interpretazzjonijiet" li ma kienux gia` qabel dettati mill-formulazzjoni diversa tad-drittijiet imsemmija fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni.

**34.** Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-fatti ta' dan il-kaz jammontaw ghal violazzjoni kontinwa ("continuous violation") ghaliex ghadhom sa llum minghajr rimedju ghal-lanjanzi taghhom minkejja li l-espozizzoni ghall-asbestos sehhet qabel it-23 ta' Jannar 1967 u kompliet sa ftit qabel l-

1978 meta miet Salvatore Formosa, kif kien ukoll il-kaz, skont l-appellanti, fil-kazijiet tal-asbestos decizi mill-Qorti ta' Strasburgu f'Lulju 2014.

**35.** Fl-ewwel l-lok il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni jekk din il-Qorti ghandhiex kompetenza li tiehu konjizzjoni tal-azzjoni ta' llum *ratione temporis* safejn qieghda ssir taht l-Att XIV dwar il-Konvenzjoni Ewropea tistrieh fuq dak esplicitament provdut fl-Artikolu 7 tal-Att imsemmi. Dan l-artikolu jipprovdi *inter alia* li ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inkluzi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghal xi azzjoni taht l-Artikolu 4, u cioe` ghal azzjoni li biha ssir talba lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju. Dan l-artikolu ma jirrispekkja ebda dispozizzjoni tal-Konvenzjoni u ghalhekk il-kazistika tal-organi fi Strasburgu rigward dispozizzjonijiet li ma jikkorrispondux mal-Artikolu 7 imsemmi, ghalkemm tista' tkun dejjem fonti ta' ispirazzjoni, ma tistax tkun ta' wisq ghajnuna u certament ma tistax tkun determinanti fl-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Artikolu 7.

**36.** Kif gia inghad, din il-Qorti ma tistax, kif donnu qieghdin jippretendu r-rikorrenti, tinjora dak li jipprovdi l-Artikolu 7 imsemmi u anzi, l-istess artikolu jargina l-kompetenza ta' din il-Qorti in kwantu ghal azzjonijiet taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. L-istess artikolu

jipprovdi li ebda ksur tad-dispozizzjonijiet relevanti tal-Konvenzjoni jew tal-Protokoll relevanti li jsir qabel it-30 ta' April 1987 ma jaghti dritt ta' azzjoni taht l-istess Att. Tali ksur, izda, jista' jsir u jigi kunsmat istantanjament, izda jista' jkun il-kaz ukoll li ghalkemm il-ksur jibda jsehh f'data partikolari l-istess ksur jista' jipperdura 'l hinn mill-mument inizjali tieghu b'mod li jekk ghalkemm il-ksur inizjali jsir qabel it-30 ta' April 1987 izda jipperdura wara l-istess data din il-Qorti jkollha l-kompetenza necessarja tiehu konjizzjoni ta' azzjoni in kwantu din tilmenta mill-ksur li kompla jsir wara d-data msemmija. Din ma hix xi pozizzjoni gdida ta' din il-Qorti[10].

**37.** Bdanakollu, izda, wiehed irid jiddistigwi l-kontinwazzjoni tal-vjolazzjoni mill-kontinwazzjoni tal-effetti tal-vjolazzjoni. Sabiex din din il-Qorti jkollha l-kompetenza necessarja f'azzjoni taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija l-vjolazzjoni li trid tkun wahda kontinwa, u li ghalhekk tipperdura wara t-30 ta' April 1987, u ma hux bizzejjed li jkunu l-effetti tal-vjolazzjoni li hekk jipperduraw mentri l-vjolazzoni tkun wahda istantanja[11], jew, kif iddeskrivietha l-Kummissjoni taht il-Konvenzjoni "the enduring effects of an act occurring at a given point in time"[12].

[10] Ara *inter alia*, Pawlu Cachia v Avukat Generali et, 28/12/2001; Francis Bezzina Wettinger et v Kummissarju tal-Artijiet, 10/10/2003; Joseph John Edwards pro et noe. v Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali, 25/2/2005; Attilio Ghio v Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali et, 28/2/2005; Christopher Hall v Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali et, 18/9/2009;

[11] Q. Kost. Vincent Curmi noe et v Onor. Prim Ministru op. Cit., #29

[12] Commission, X v United Kingdom, 10/12/1976 para. 6 u 9

**38.** Dan jikkonvergi wkoll mal-hsieb tal-organi taht il-Konvenzjoni dwar il-kuncett ta' "continuing situation" li dwaru l-Kummissjoni spjegat:

> "... the concept of a "continuing situation" refers to a state of affairs which operates by continuous activities by or on the part of the State to render the applicants victims ... Since the applicants' complaints have as their source specific events which occureed on identifiable dates, they cannot be construed as a "continuing situation" for the purposes of the six month rule. While the Commission does not doubt that the events of "Bloody Sunday" continue to have serious repercussions on the applicants' lives, this however can be said of any individual who has undergone a traumatic incident in the past. The fact that an event has significant consequences over time does not itself constitute a "continuing situation"[13]. (sottolinear ta' din il-Qorti).

**39.** Sabiex ikun jista' jigi determinat jekk il-vjolazzjoni tkunx wahda li hi kontinwa u li ghalhekk ipperdurat u pprolungat ruhha wara l-mument inizjali li fiha giet kommessa irid jittiehed qis tan-natura tal-vjolazzjoni li dwarha jsir l-ilment u tal-fatti partikolari li jaghtu lok ghall-ilment.

**40.** Fil-kaz ta' llum ir-rikorrenti jilmentaw minn ksur tad-dritt ghall-hajja, minn ksur ghal trattament inuman u degradanti, minn ksur tad-dritt ghall-hajja privata u tal-familja f'dak li ghandu x'jaqsam mal-kwalita` tal-hajja tar-rikorrenti, u ksur tad-dritt ghall-hajja privata f'dak li ghandu x'jaqsam mad-dritt li r-rikorrenti jkunu nfurmati dwar perikli marbutin ma' l-asbestos.

**41.** In kwantu ghall-allegata vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja mhares bl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, din ma tistax tkun hlief wahda istantanja fejn

[13] Commission, Dec. Adm., Kevin Mcdaid and others v U.K., 9/4/1996

tkun avverat ruhha l-mewt. Dan ghaliex fil-mument li tigi estinta l-hajja ta' persuna il-vjolazzjoni mhux biss tigi kommessa izda tigi wkoll konsumata tant li dik l-estinzjoni tal-hajja tkun dejjem u esklussivament konsegwenza tal-ghemil li pprecediha u ebda ghemil sussegwenti ma jista' jikkontribwixxi ghall-kontinwazzjoni ta' dik l-estinzjoni tal-hajja. Naturalment <u>il-konsegwenzi</u> jew <u>l-effetti</u> ta' dik il-hajja estinta jipperduraw fiz-zmien anki wara l-mument tal-estinzjoni ta' dik il-hajja, ghaliex min imut jibqa' mejjet, izda d-dritt ghall-hajja jigi istantanjament, definittivament u irrevokabilment vjolat fil-mument li l-hajja tigi estinta u f'dak il-mument il-vjolazzjoni tigi wkoll kunsmata. Ghalhekk il-vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja hija vjolazzjoni istantanja li ma tista' qatt taghti lok ghall-kontinwita`.

**42.** Jirrizulta li Salvatore Formosa miet fit-23 ta' Ottubru 1978 u l-ghemil li jilmentaw minnu r-rikorrenti kollu avvera ruhu qabel dik id-data u ghalhekk il-vjolazzjoni li minnhom jilmenta grat interament qabel it-30 ta' April 1987 u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun meta rriteniet li a tenur tal-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319, ma setghetx tiehu konjizzjoni tal-azzjoni intentata mir-rikorrenti safejn l-istess azzjoni qed issir taht dak l-Att .

**43.** Tista' potenzjalment tikkonfigura vjolazzjoni ta' natura kontinwa tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni fejn waqt li l-individwu jkun ghadu haj l-

Istat jonqos milli jhares lil dak l-individwu minn riskji serji ghal hajtu. Tali vjolazzjoni setghet potenzjalment tiffigura fil-fattispeci allegati mir-rikorrenti f'dan il-kaz izda peress li l-fatti kollha li setghu kienu relevanti f'dan il-kaz graw qabel id-data tat-30 ta' April 1987 u Salvatore Formosa miet qabel dik id-data il-konkluzjoni f'dan il-kaz tibqa' kif inghad fuq.

**44.** Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll minn ksur tad-dritt ghal harsien minn tortura, u minn trattament jew piena inumana jew degradanti taht l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. L-ghemil hawn projbit huwa ghemil li jista' jipperdura ghal perjodu ta' zmien, u ghalhekk ugwalment il-vjolazzjoni proskritta tista' wkoll tkun konkorrentement kontinwa u tipperdura ghall-istess perjodu. Konsegwentement jekk l-ghemil li dwaru jilmentaw ir-rikorrenti, ghalkemm seta` kellu l-bidu tieghu qabel it-30 ta' April 1987, ippersista u kompla wara l-istess data, din il-Qorti jkollha l-kompentenza necessarja tiehu konjizzjoni tal-azzjoni ghar-rigward tal-istess ilment.

**45.** Il-fatti li minnhom jilmentaw ir-rikorrenti biex isostnu dan l-ilment, izda, kollha jirrisalu ghal qabel it-30 ta' April 1987, u ghalhekk, anki ghar-rigward dan l-ilment l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konkluzjoni taghha li ma kellhiex kompetenza tiehu konjizzjoni tal-azzjoni ghar-rigward dan l-ilment safejn l-istess azzjoni qieghda ssir taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

**46.** Jibqa' l-ilment ta' vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja privata u tal-familja li fir-rikors promotorju taht l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni li qieghed jigi allegat taht zewg aspetti: (a) f'dak li ghandu x'jaqsam mal-kwalita` tal-hajja tar-rikorrenti u (b) f'dak li ghandu x'jaqsam mad-dritt li r-rikorrenti jkunu nfurmati dwar perikli marbutin mal-asbestos.

**47.** Ghar-rigward ta' dan l-ilment tar-rikorrenti, l-ghemil li allegatament wassal ghall-vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kien jikkonsisti fi "l-espozizzjoni ghall-asbestos ta' Salvatore Formosa fuq il-post tax-xoghol (li) affettwat b'mod negattiv ferm il-kwalita` tal-hajja tal-istess rikorrenti"[14]. Dan l-ghemil seta pperdura ghal xi zmien qabel il-mewt ta' Salvatore Formosa izda ma kompliex, u ma setax ikompli wara l-mewt tieghu. Il-fatt li r-rikorrenti setghu gew mcahhda prematuratment mill-prezenza tal-istess Salvatore Formosa[15] seta` kien stat ta' fatt iggenerat bhala <u>konsegwenza</u> u <u>effett</u> tal-vjolazzjoni li kienet gia kunsmata izda ma kienx, u ma setax ikun, il-kontinwazzjoni tal-istess vjolazzjoni ghaliex ma kienx ikkawzat minn xi ghemil tal-Istat wara d-data li miet l-imsemmi Salvatore Formosa. Ghalhekk, anki rigward dawn l-ilmenti kienet korretta l-ewwel Qorti meta kkonkludiet li ma setghetx tiehu konjizzjoni tal-azzjoni minhabba li l-fatti in kwistjoni graw kollha qabel it-30 ta' April 1987 u ghalhekk josta ghall-azzjoni l-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea safejn l-azzjoni qieghda ssir taht dak l-Att.

---

[14] Para. 11 tar-rikors promotorju
[15] *ibid*

**48.** L-aggravju tar-rikorrenti appellanti qieghed ghalhekk jigi michud u konsegwentement ser jigi michud l-appell taghhom.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-appell tar-rikorrenti appellanti bl-ispejjez ikunu a karigu tal-istess appellanti *in solidum* bejniethom, tichad l-appell tal-intimati Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali bl-ispejjez tal-istess appell a karigu tal-istess intimati appellanti *in solidum* bejniethom, u tichad ukoll l-appell incidentali tal-intimata Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol bl-ispejjez tal-istess appell incidentali jkunu a karigu tal-istess Awtorita` intimata, u b'hekk, fis-sens tal-konsiderazzjonjiet premessi, tikkonferma s-sentenza appellata.

Il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigh relattivament ghall-ilmenti taht il-Kostituzzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df